MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA
# (GURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tat-3 ta' Ottubru, 2008

Citazzjoni Numru. 21/2008

**Ralph Naudi, William Mock u Francis Micallef**

**vs**

**Go Plc, gja Maltacom Plc, gja Telemalta Corporation u l-Avukat Generali**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ipprezentat mit-tlett rikorrenti li in forza taghha, wara li ppremettew illi:

Huwa t-tlieta kienu jahdmu mal-korporazzjoni Telemalta Corporation, li wara saret il-kumpanija parastatali Maltacom plc, li s-successur taghha llum hija l-kumpanija Go plc, intimata.

Il-Korporazzjoni Telemalta ghamlet sejha interna ghall-applikazzjonijiet ghal postijiet fil-grad ta` Telegraph Supervising Officer permezz ta` cirkulari 53/89 mahruga fit-23 ta` Gunju, 1989.

Zmien ilu t-tlieta kienu ghamlu ezami ghall-promozzjoni, u gabu gradi li poggewhom fi gradwatorja ta` kif kellhom jinghataw l-istess promozzjonijiet. Tali promozzjoni naturalment kienet tfisser mhux biss qliegh ta` flus fil-grad akbar, imma kien ikollu effett ukoll fuq il-penzjoni taghhom jew fuq somom dovuti lilhom fil-kaz ta` early retirement.

It-Telemalta Corporation minkejja d-drittijiet tal-esponenti, ghal xi raguni jew ohra, ghamlet li dehrilha, u minflok baqghet skond l-ordni li kien hemm stabbilit fir-rizultat tal-ezami, daqqa mxiet mieghu u daqqa le. Finalment kien bi pregudizzju ghall-esponenti li baqghu minghajr il-promotion li skond ir-rizultat tal-ezami kienu intitolati ghaliha.

Gara li fuq rappresentazzjonijiet tal-union taghhom, Joseph Ellul il-lum mejjet u Manwel Sammut, li kienu gew lejn l-ahhar hadu l-promozzjoni jista` jkun *ex caritate*. Certu Ronnie Sacco kien mar quddiem it-Tribunal tal-Ingustizzji, u meta rebah il-kaz tieghu, il-Korporazzjoni taghtu l-promotion. L-istess gara fil-kaz ta` Francis Paris. Mario Borg ghamel kawza fil-Qorti Civili u wara li rebah il-kawza inghata l-istess promotion.

Il-kazijiet l-ohra li qed issir riferenza ghalihom huma s-segwenti.

1. Prim’Awla tal-Qorti Civili (Onor Franco Depasquale LLD) ta` l-1 ta` Frar, 2002 fl-ismijiet Mario Borg vs Chairman Korporazzjoni Telemalta (Cit nru 818/96 FDP),

2. Tribunal ghall-Investigazzjoni tal-Ingustizzji (Onor C. Farrugia Sacco BA LLD) decizjoni 18 ta` Marzu, 1998 rikors 96/97 Ronald Sacco vs Telemalta Corporation,

3. Tribunal ghall-Investigazzjoni tal-Ingustizzji (Onor C. Farrugia Sacco BA LLD) Rikors 323/97 fl-ismijiet Francis Paris vs Telemalta.

L-esponenti ghamlu kawza civili wkoll li giet deciza f`rizultat negattiv ghalihom. Id-decizjoni relattiva kienet inghatat finalment fil-25 ta` Frar, 2005 mill-Qorti tal-Appell, li kienet ikkonfermat id-decizjoni tal-Prim`Awla fejn fiha kien inghad li la darba kien hemm avviz ghal sittax-il promozzjoni, u huma ma gewx mal-ewwel sittax, allura ma kellhom l-ebda dritt. Fil-fatt l-avviz ghall-applikazzjonijiet bl-ebda mod ma kien jorbot li postijiet ghall-promozzjoni kien hemm biss sittax.

Il-Korporazzjoni tat promotion skond il-lista lil certu Joseph Smith li qaghad ghall-ezami meta ma kienx ghadu impjegat mal-Korporazzjoni ghax hareg bil-penzjoni. Certu F. X. Pisani ha wkoll il-promotion meta kien hemm problemi ta` interdett penali. Il-Korporazzjoni mil-lista tar-rizultat, tat l-istess promozzjoni *motu proprio* lil Anthony Fleri Soler u lil Telesforu Scerri. Anzi lil tal-ahhar tawhom promotion akbar.

L-esponenti ghalhekk gew privati minn dritt tal-proprjeta` li kien legalment taghhom. Dan sar kontra l-ligi u minghajr ebda gustifikazzjoni. Jekk inghatat promozzjoni lil Ellul u lil Manwel Sammut fuq bazi kwazi tista` tghid ta` hniena, l-esponenti gew li minhabba f`hekk batew piz mhux proporzjonat.

Ghaldaqstant l-esponenti jitolbu bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti joghogbha (1) tiddikjara li kien hemm vjolazzjoni kontra l-esponenti tal-Art 1 ta` l-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem (2) taghti rimedju effettiv (3) tikkundanna lill-kumpanija intimata ghad-danni naxxenti minn tali vjolazzjoni, wara li tillikwida l-istess danni.

Bl-ispejjez.

Rat ir-risposta pprezentata mis-socjeta` intimata Go Plc li in forza taghha eccepiet illi:

1. Preliminarjament l-esponenti mhijiex il-legittimu kontradittur f`dawn il-proceduri u ghalhekk ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju billi hija socjeta` ghal kollox privata, u l-fatti li dwarhom qed jilmentaw ir-rikorrenti jirreferu ghaz-zmien meta huma kienu impjegati mal-korporazzjoni pubblika Korporazzjoni Telemalta, li ghaliha kien u ghadu jwiegeb l-Istat.

2. Preliminarjament ukoll, din il-Qorti ghandha tirrifjuta li tezercita s-setghat taghha *ai termini* tal-artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 4(2) tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropeja (Kap. 319), peress illi r-rikorrenti kellhom mezzi xierqa ta` rimedju ghal-lanjanzi taghhom.

Kif jirrizulta mill-istess rikors promotur, ir-rikorrenti diga` ipprocedew fuq l-istess fatti quddiem din il-Qorti fil-gurisdizzjoni ordinarja taghha u diga` kien hemm gudizzju finali mill-Qorti ta` l-Appell. Matul dawk il-proceduri, ir-rikorrenti kellhom opportunita` shiha li jressqu l-pretenzjonijiet u jaghmlu l-provi u s-sottomissjonijiet kollha taghhom. Di fatti huma mhumiex jallegaw ksur tad-drittijiet fundamentali taghhom fil-proceduri ordinarji. Lanqas ma huma qed jattakkaw il-ligi applikata mill-Qorti, izda biss il-konkluzjoni taghha.

Ir-rikorrenti, minghajr ma qed jilmentaw mil-legittimita` ta` dawk il-proceduri ordinarji, qed jitolbu r-revizjoni tal-konkluzjonijiet tal-Qorti tal-Appell bl-iskluza tad-drittijiet fundamentali. Il-proceduri ghall-ksur tad-drittijiet fundamentali mhumiex intizi u m`ghandhomx iservu ta` appell iehor mill-process ordinarju. Din il-kawza hija ghalhekk manifestament bla bazi u vessatorja.

3. Bla pregudizzju ghas-sueccepit, ma kien hemm l-ebda ksur ta` drittijiet fondamentali tar-rikorrenti u ghalhekk anke fil-meritu t-talbiet tar-rikorrenti ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra taghhom.

4. Mhuwiex minnu li r-rikorrenti gew privati minn xi dritt ta` proprjeta` li kien legalment taghhom, jew li sofrew ksur tad-dritt fondamentali taghhom ghat-tgawdija pacifika tal-

possedimenti. Fir-rikors taghhom huma jispjegaw li effettivament ma ttehdilhom xejn li diga` kellhom, izda ghall-kuntrarju jippretendu li kellhom dritt li jiehdu l-promozzjoni u cioe` li jakkwistaw xi haga li ma kellhomx diga`. Din il-pretensjoni jserhuha fuq id-drittijiet kontrattwali jew kwazi-kontrattwali li jghidu li kellhom mal-Korporazzjoni Telemalta, liema drittijiet pero`, kemm din il-Qorti fil-gurisdizzjoni ordinarja taghha kif ukoll il-Qorti ta` l-Appell, diga` ddecidew li r-rikorrenti ma kellhomx.

Il-fatt li persuni ohra kellhom ezitu pozittiv ghal-lanjanzi taghhom quddiem it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta` Ingustizzi jew il-Prim'Awla tal-Qorti Civili ma jaffettwax id-drittijiet tar-rikorrenti. Fl-ewwel lok dawk id-decizjonijiet jikkoncernaw biss ir-relazzjonijiet bejn il-kontendenti f`dawk il-proceduri, u f`kull kaz, ir-rakkomandazzjonijiet tat-Tribunal ghall-Investigazzjoni tal-Ingustizzji mhumiex vinkolanti u ma joholqu ebda drittijiet kontrattwali li jistghu b`xi mod jaffettwaw id-drittijiet tar-rikorrenti.

Fil-kaz tar-rikorrenti William Mock u Francis Micallef, dawn sahansitra illum la huma impjegati u lanqas ma fadlilhom xi relazzjoni kontrattwali mal-eccepjenti.

5. Finalment, ir-rikorrenti ma jistghux jippretendu li bilfors jinghataw ragun. Huma kellhom u filfatt ezercitaw id-dritt li jressqu l-pretensjonijiet taghhom quddiem il-qrati ordinarji. Il-fatt li ma inghatawx ragun mill-Qorti ta` l-Appell ma jfissirx li ghandhom rimedju ahhari ghal ksur tad-drittijiet fundamentali taghhom jew li kien hemm vjolazzjoni tad-dritt taghhom ghal rimedju effettiv.

Rat ir-risposta tal-Avukat Generali li in forza taghha eccepixxa illi:

It-talbiet kif kontenuti fir-rikors odjern huma nfundati fil-fatt u fid-dritt stante li ma jezisti ebda dritt fil-konfront tar-rikorrenti fir-rigward tal-materja suggett ta` dan ir-rikors;

Bir-rispett kollu lejn il-konvenut l-iehor, il-fatti li allegatament graw bejnu u bejn ir-rikorrenti huma fatti li allegatament sehhew bejn zewg partijiet privati, t-tnejn li

huma ghandhom status differenti u huma suggetti distinti u separati fid-dritt minn xulxin u mill-Istat;

Minhabba f`hekk u minhabba l-fatt li l-konvenut l-iehor, Go Plc, huwa s-successur fit-titolu ta` dik li kienet is-socjeta` Maltacom gja Telemalta Corporation, huwa assolutament inawdit li tallega li l-Istat ghandu jgorr il-piz finanzjarju ta` xi kundanna ghad-danni, jekk din fil-fatt tinghata, meta l-fatti li qed jilmentaw minnhom ir-rikorrenti, jekk fil-fatt jirrizultaw li sehhew, huma fatti li kienu responsabbli ghalihom il-predecssur in titolu tal-konvenut l-iehor;

Bir-rispett kollu, f`ambitu ta` din in-natura, r-responsabilita` ta` l-Istat testendi biss billi dan tal-ahhar jkun jrid jirrispondi biss jekk fil-fatt ma jezistux l-istrutturi idoneji sabiex il-parti allegatament leza tkun tista` tressaq l-ilment taghha quddiem organu gudizzjarju indipendenti sabiex tiehu r-rimedju li jidhirlu dak l-organu u zgur ma testendiex, kif qed jippretendi l-konvenut l-iehor ghall-kundanna lill-Istat biex ikun responsabbli ghal xi danni li zewg persuni privati fid-Dritt jaghzlu li jirrekaw lil xulxin;

Il-fatti fil-kaz odjern huma tali li r-rikorrenti fil-fatt diga` rrikorrew quddiem l-Onorabbli Qorti;

L-istess Onorabbli Qorti, sahansitra fl-istadju tal-appell, ddeciediet li r-rikorrenti m`ghandhomx d-dritt li huma qed jilmentaw li gie vvjolat fil-konfront taghhom;

Minghajr pregudizzju, l-esponenti jhoss li biex jigi vvjolat xi dritt a bazi ta` l-Artikolu 1 tal-Ewwel Protocol tal-Konvenzjoni Ewropeja, l-ewwel li ma jehtieg li jsir huwa proprju li jigi stability li dan id-dritt fil-fatt jissusisti fil-konfront tar-rikorrenti;

Bir-rispett kollu lejn ir-rikorrenti, mhux talli dritt fil-konfront tieghu ma giex stabilit li jezisti fil-konfront tar-rikorrenti, anzi tali gie stabilit proprju l-kuntrarju;

Dan jirrizulta car minn sentenza tal-Onorabbli Qorti tal-Appell fis-sentenza taghha ‘Ralph Naudi et vs Maltacom plc’ deciza fil-25 ta` Frar, 2005 (Appell Civili Numru

2447/1998/1) – li incidentalment saret riferenza ghaliha mill-istess rikorrenti fir-rikors odjern;

Dan jirrizulta wara li l-istess rikorrenti f`dan ir-rikors ntavolaw kawza proprju biex jigi stabilit li kellhom xi drittijiet u l-Onorabbli Qorti tal-Appell stabiliet proprju li ma jezisti ebda dritt tal-proprjeta` fil-konfront tar-rikorrenti;

Bir-rispett kollu lejn ir-rikorrenti huwa ben saput li din l-Onorabbli Qorti fil-gurizdizzjoni premessa ma tista qatt tintuza bhala Qorti ulterjuri tal-Appell kif qed jippretendu li jaghmlu r-rikorrenti tramite dan ir-rikors odjern;

L-esponenti ma jistax jaqbel mat-tezi tar-rikorrenti li nkiser xi dritt a bazi ta` l-Artikolu 1 tal-Ewwel Protocol tal-Konvenzjoni Ewropeja dwar d-Drittijiet tal-Bniedem jekk xejn sempliciment minhabba l-fatt illi gie stabilit mill-Onorabbli Qorti tal-Appell bhala fatt li tali dritt fil-konfront tar-rikorrenti ma jirrizultax li jezisti;

Ghandu jigi rilevat li r-rikorrenti diga` ntavolaw kawza fir-rigward ta` allegati drittijiet fil-konfront taghhom quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili u s-sentenza finali f`dak ir-rigward kienet fis-sens li huma m`ghandhomx d-dritt li huma qed jillamentaw li gie vvjolat fil-konfront taghhom, u ghalhekk l-esponenti ma jistax jifhem ezattament xi drittijiet allegatament gew vvjolati fil-konfront tar-rikorrenti in vista tal-fatt li tali dritt kif allegat mir-rikorrenti qatt ma ezista;

F`dan il-kuntest jidher li r-rikorrenti qed jallegaw li nkiser fil-konfront taghhom xi dritt li l-istess Qorti tal-Appell ddeciediet li ma jsusistix;

Minghajr pregudizzju, qed jigi ribadit li jekk semmai din l-Onorabbli Qorti jidhrilha li kien hemm xi vjolazzjoni ta` xi dritt fil-konfront tar-rikorrenti, ghandu jigi applikat il-maxim legali li min kkaguna d-danni ghandu jinzamm responsabbli ghall-eghmillu u l-funzjoni tal-istat f`dan ir-rigward huwa li jaccerta ruhu li jezistu l-istrutturi idoneji sabiex tali risarciment ta` danni, jekk semmai jigu ordnati, jigi nfurzat;

Minghajr ebda pregudizzju, l-esponenti jhoss li r-rikors odjern in vista tas-sentenza tal-Onorabbli Qorti tal-Appell li saret riferenza ghaliha aktar l-fuq, hija frivola u vessatorja u ghandha tigi ddikjarata bhala tali min din l-Onorabbli Qorti;

Minghajr ebda pregudizzju, ghandu jigi emfasizzat f`dan il-kuntest li jekk semmai jigi stability li gie vvjolat xi allegat dritt tar-rikorrenti u jekk semmai din l-Onorabbli Qorti jidhrilha li ghandha tisstabilixxi li hemm xi danni li ghandhom jigu risarciti, dawn d-danni huma responsabbli ghalihom unikament u esklussivament min wettaq l-atti li rrizultaw f`danni jew s-successur tieghu fit-titolu, u cioe` l-konvenut l-iehor, Go plc;

Ghaldaqstant l-esponenti a bazi tas-suespost, umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tichad it-talbiet kif kontenuti fir-rikors bl-ispejjez kontra l-istess rikorrenti.

Rat l-atti tal-kawza fl-ismijiet “Ralph Naudi et vs Maltacom Plc”, citazzjoni numru 2477/98, deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-25 ta` Frar, 2005;

Semghet il-provi li ressqu l-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezebiti;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat in-noti tal-osservazzjonijiet tal-partijiet;

Rat li l-kawza thalliet ghal lum ghas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Illi f`din il-kawza r-rikorrenti kienu jahdmu mal-Korporazzjoni Telemalta, li wara saret il-kumpanija parastatali Maltacom Plc, li s-successur taghha llum hija s-socjeta` intimata Go Plc. Wara sejha interna ghall-applikazzjonijiet ghal postijiet fil-grad ta` Telegraph Supervising Officer, it-tlett rikorrenti applikaw, izda peress

li ma gewx mal-ewwel sittax, ma nghatawx il-promozzjoni li xtaqu. Kien hemm, pero`, impjegati ohra li mhux biss ma kienux fost l-ewwel sittax fl-ezami, izda wkoll kienu gabu inqas marki mir-rikorrenti, izda xorta nghataw il-hatra. Ir-rikorrenti mhux qed jallegaw diskriminazzjoni, peress illi c-cirkustanzi ta` dawk li xorta wahda nghataw il-hatra avvolja ma kienux fl-ewwel sittax, kienu hafna differenti, u l-promozzjoni haduha wara ftehim bejn is-socjeta` u l-Union li tirrapprezenta l-haddiema. Ir-rikorrenti qed jallegaw li meta huma gew imcahda mill-promozzjoni gew privati minn dritt ta` proprjeta` li kien legalment taghhom. Huma qed jallegaw li gew lezi d-drittijiet taghhom ghat-tgawdija tal-"possedimenti" kif protett fl-ewwel artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenjoni Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem.

Ghalkemm Artikolu 1 ta' l-Ewwel Protocol tal-Konvenzjoni Ewropea ma jipprovdiniex b'definizzjoni[1] ta' x'jikkonsisti l-kuncett ta' beni jew possedimenti, gie stabbilit, diversi drabi, li dan il-kuncett huwa interpretat b'mod wiesa'. In fatti, f'**<u>Mellacher v. Austria</u>**, 19 ta` Dicembru, 1989 dan il-kuncett gie interpretat li ma jinkludix biss art, imma anke interessi ohra li ghandhom valur ekonomiku. Isegwi illi kull interess li ma jurix din il-karatteristika ta' valur ekonomiku, dan jeskludi awtomatikament mill-iskop jew l-applilkabilita' ta' dan l-Artikolu.

Skond ma tikteb <u>Monica Carss-Frisk</u>[2], in fatti*, "…the concept of what constitutes property or"possessions", in Article 1 of Protocol Number 1 is wide….range of economic interests falls within the scope of the right to property, including movable or immovable property, tangible or intangible interests"* .[3]

B'dan ir-ragun allura, wiehed jista' facilment jghid illi Artikolu 1 Protocol Numru 1, ma jillimitax il-protezzjoni li

---

[1] Il-kuncett ta' "possessions" qatt ma gie moghti definizzjoni generali u lanqas astratta.
[2] A Guide to the Implementation of Article 1 of Protocol Number 1, page 10
[3] Hawnhekk l-awtrici tkompli billi tghid li dawn kollha huma ikkonsiderati bhala "possessions" : "*…shares, patents, an arbitration award, the entitlement to a pension, a landlord's entitlement to rent, the economic interests connected with the running of a business, the right to exercise a profession, a legitimate expectation that a certain state of affairs will apply, a legal claim, and the clientele of a cinema".*

jhaddan lill-propjeta' fis-sens klassiku tal-kelma, izda jestendi l-protezzjoni ghal interessi ohra. Dawn l-interessi imma jridu pero' juru numru ta' karatteristici li zviluppaw matul iz-zmien fil-gurisprudenza.

Huwa minnu, kif intqal hawn fuq, illi dawn l-interessi ghandhom ikunu, qabel xejn, ta' natura kummercjali, jew ahjar, ekonomiku. Barra minn hekk, dawn l-interessi ghandhom juru sufficentement "of being realized" u b'hekk jirrapprezentaw dik li insejhulha "legitimate expectation"[4] kif ser naraw aktar 'l isfel, u fl-ahharnett, dawn l-interessi legali, ghandhom ukoll jimmanifestaw irwiehom u fuq kollox ikunu identifikati.

Il-protezzjoni ta' dan l-Artikolu tapplika biss f'kaz li wiehed jista' : "lay a claim to the property concerned". Dan l-Artikolu jipprotegi dik il-propjeta' gia' ezistenti u mhux id-dritt li wiehed jakkwista propjeta' fil-futur[5]. Artikolu 1 Protocol Numru 1, japplika biss, wiehed jista' jinnota, ghall-beni jew possedimenti li persuna diga' ghandha u li diga' qed tgawdi. Irid jigi provat mill-applikant quddiem il-Qorti li huwa ghandu pretensjoni legali li jezercita "property rights" – **Zwierzynski v. Poland**, 19 ta` Gunju, 2001.

Sabiex wiehed jitlob u jinvoka l-protezzjoni ta' dan l-Artikolu, wiehed irid ikollu forma ta' dritt li qed igawdi li, skond il-Konvenzjoni Ewropea, jigi meqjus bhala "property right" **– S v. United Kingdom (1986 – Application Number 11716/85).**

In fatti, il-fundazzjoni sabiex "claim"[6] tkun ikkonsiderata bhala "possession" taht Artikolu 1 Protokol Numru 1,

---

[4] **Beyler v. Italy (5-Jan-2000) –** l-applikant f'dan il-kaz ipprova li kellu *de facto* 'proprietary interest' fil-pittura u b'hekk kellu 'a legitimate expectation'

[5] Isegwi allura li l-pretensjoni li wiehed ser jiret propjeta' fil-futur, per ezempju, ma jkunx protett taht dan l-Artikolu (1979) **Marckx v. Belgium u fl-1987 f'Inze v. Austria.**

[6] **Antonakopoulos v. Greece (14-Dec-1999)** – gie argumentat is-segwenti:- "*as long as the holder of a claim can have a "legitimate expectation" of realizing the claim, that is,*

ghandu jigi ippruvat li hemm pretensjoni legali li ma tistax tigi stabbilita jekk "*a precondition to a cliam to property has not been fulfilled*" – **Kopecky v. Slovakia**, 28 ta` Settembru, 2004

*"A legitimate expectation must be of a nature more concrete than a mere hope and be based on a legal provision or a legal act…"* – ***Gratzinger and Gratzingerova v. The Czech Republic (2002)***, jekk dan ma jkunx hekk, allura ma jistax jinghad li hemm "legitimate expectation".

Karatteristika indispensabbli hija l-akkwist tal-valur ekonomiku ta' l-interess ta' dak l-individwu, kif mistqarr aktar 'il fuq, u anke kif intqal f'**Batelaan and Huiges v. Netherlands (1984) :** li **-** "*expectations do not have the degree of concreteness to bring them within the idea of possessions".*

Sabiex talba (*claim*) tista' tigi meqjusa bhala "possession", trid allura taqa' fil-parametri ta' dan l-Artikolu. Dan ifisser illi dik it-talba trid tkun sufficentament "established to be enforceable" – **case of Burdov v. Russia,** 7 ta` Mejju, 2002; **Timofeyen v. Russia,** 23 ta` Jannar, 2004 u **Stran Greek Refineries & Straits Andreadis v. Greece,** 9 ta` Dicembru, 1994. Jekk din it-talba ma tistax tkun imwettqa, allura ma tistax tigi ikkwalifikata bhala "possession". Barra minn hekk, gie interpretat ukoll li "a claim" jew talba, tista' tigi ikkonsiderata bhala "possession" taht dan l-Artikolu jekk huwa muri li hemm "a legal entitlement", ossia dritt legali ghall-beneficci ekonomiku ta' dak l-individwu koncernat jew "a legitimate expectation that the entitlement will materlise" – **Pressos Compania Naviera S.A. v. Belgium (1995)[7] u National and Provincial Building Society v. U.K (1997).**

---

*that the claim is "sufficiently established" to the extent of being executabvle, then this claim is in principle to be accepted as on par with "possession" capable of being protected by Article 1 Protocol Number 1".*

[7] **Fedorenko v Ukraine 91-June-2006)** – Il-Qorti f'dan il-kaz, qalet li skond kazistika tal-organizazzjonijiet tal-Konvenzjoni, "possessions" jistghu jkunu kemm beni li diga' jezistu jew assi ('assests') u dan jinkludi 'claims' li l-applikant ghandu f'dak ir-rispett jargumenti li ghandu almenu 'a legitimate expectation' li jista' jottjeni tgawdija fid-dritt ta' propjeta'

Peress li dan l-Artikolu fil-principju tieghu jeskludi d-dritt ghall-akkwist, **Potocka and Others v Poland (2000)**, huwa importanti illi kull min igib azzjoni ghall-ksur ta' dan l-Artikolu, huwa rikjest illi dik il-persuna tipproduci *prima facie* evidenza ta` l-ezistenza u l-validita' tat-talba tieghu jew taghha ghal dak il-beni in kwistjoni.

Hekk ukoll kif qalet l-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali fil-kawza "Zammit vs Ellul Vincenti noe", deciza fil-31 ta` Lulju, 1996, f`referenza ghall-artikolu wiehed in kwistjoni:

*"Hu immedjatament ovvju li l-protezzjoni tal-konvenzjoni hi favur id-dgawdija pacifika tal-possedimenti ta` kull persuna u kontra li jigu pprivati minnhom hlief fl-interess pubbliku. Ovvju wkoll li dan id-dritt ma jezistix u allura ma jistax jigi vjolat jekk il-persuni, f`dan il-kaz l-appellant, ma jipprovawx li huma ghandhom jew kellhom, fil-mument tal-allegata vjolazzjoni, il-possedimenti li minnhom jallegaw li gew illegalment u abbuzivament ipprivati"*.

Issa, f`dan il-kaz, ma jirrizultax li r-rikorrenti qatt kellhom id-dritt ghall-promozzjoni li qed jilmentaw li ma hadux. Huma gia resqu t-talbiet taghhom quddiem il-Qrati ordinarju, u gie dikjarat mill-Onorabbli Qorti tal-Appell li huma ma kellhomx dritt ghal dik il-promozzjoni. Biex tirnexxi talba taht il-provediment tal-ewwel artikolu in kwistjoni jrid jirrizulta li dak li jkun gie mcahhad mit-tgawdija ta` oggett li jkun fil-pussess tieghu, u jekk ikun gie dikjarat li ma jkollux dritt ghal dak l-oggett, fkaz bhal dan, kif meqjus f`**Azinas vs Cyprus**, 28 ta` April, 2004, "… *the applicaqnt had no 'legitimate expectation' of receiving a pension",* jew, f`dan il-kaz, ghall-promozzjoni.

Kif qalet ukoll l-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali fil-kawza "Zammit vs Ellul Vincenti noe", aktar qabel imsemmija, fil-kuntest ta` ghoti ta` licenzja, izda li japplika wkoll ghal kaz ta` cahda ta` promozzjoni;

*"Hu ovvju li licenzja jew tinghat jew ma tinghatax. Hu att posittiv ta` amministrazzjoni pubblika. Ma tistax tigi prezunta jew argumentata minn indizju jew cirkostanzi.*

*Lanqas hi rilevanti ghall-fini ta` din il-kawza konsiderazzjoni ta` bona fede jew mala fede tal-amministrazzjoni li tista` se mai tkun il-bazi ta` azzjoni ghal danni jekk hekk jiggustifikaw ic-cirkostanzi, imma zgur mhux ghal azzjoni ta` indole kostituzzjonali bhal dik tentata mill-appellanti f`dawn il-proceduri"*.

Inoltre, "*future income constitutes a 'possession' within the meaning of Article 1 of Protocol 1* ***only*** *if it has been earned or where an enforceable claim to it exixts*"- **Ambruosi v. Italy,** 19 ta` Ottubru, 2000. Ir-rikorrenti zgur li ma jistghux jghidu li huma ghandhom xi forma ta' "enforceable claim" hawnhekk u wisq inqas li huma kienu jimmeritaw din it-talba fl-ewwel lok.

Fil-kaz iehor ta' **Kurak & Temelli v. Turkey**, gie stabbilit li:

*"future income derived from professional work may not be deemed to be a "possession" within the meaning of Article….unless it has already been earned or is the object of an undisputed claim".*

Hija regola generali illi sabiex wiehed ikollu jedd li jaghmel talba fuq propjeta', dan l-individwu irid ta' bilfors ikollu drittijiet sufficjenti li jintitolah sabiex jaghmel dan fl-ewwel lok u kif irrizulta mill-fatti, ir-rikorrenti ma kellhom l-ebda dritt li jintitolhom sabiex jaghmlu talba bhal din. Huwa importanti f'kazijiet bhal dawn illi l-interess legali ghandu jkun sufficentement identifikat u li r-rikorrenti f'dan il-mument ma setghux jidentifikaw dan l-interess legali taghhom.

Fid-dawl tal-premess, mhux mehtieg li din il-Qorti toqghod tinvesti l-argumenti preliminari sollevati mis-socjeta` intimata Go Plc dwar ir-responsabilita` taghha, bhala successor tas-socjeta` Maltacom, ghal dak li setgha sehh fiz-zmien qabel il-holqien tas-socjeta`.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mir-rikors tar-rikorrenti billi tichad it-talbiet taghhom, bl-ispejjez kollha jithallsu mill-istess rikorrenti in solidum.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------